MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 976/2008

**Suncrest Hotels p.l.c.**
**(C - 8643)**

**vs**

**Roger Degaetano detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 374660 (M) u Link School of English Limited**
**(C – 14849)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta' Settembru, 2008 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi fid-29 t'April, 2008, il-partijiet ftehmu fuq servizzi t'akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati;

2. Illi dawk kienu miftiehma ghall-perjodi u taht kundizzjonijiet hemm pattwiti;

3. Illi waqt l-esekuzzjoni tal-istess, jirrizulta allegatament li l-intimati rrifjutaw ihallsu lir-rikorrenti l-ammonti dovuti kif pattwiti;

4. Illi bl-ittra tal-1 t'Awwissu, 2008, is-socjeta` rikorrenti kkancellat is-servizzi kollha a bazi tal-imsemmi ftehim;

5. Illi inoltre l-istess socjeta` rikorrenti nterpellat lill-intimati biex ihallsu l-ammont ghall-servizzi rezi u ammonti dovuti ghall-kancellament sofferti komplessivament fl-ammont ta' erbghin elf, disa' mija u hamsa u tmenin Ewro u sebgha u disghin centezmu, (€40,985.97);

6. Illi nonostante s-suespost l-intimati baqghu inadempjenti;

7. Illi monflok l-intimat Degaetano ddepozita erbatax –il elf tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€14,824.77), fir-registru ta' din il-qorti bil-kundizzjoni li dawn jigu zbankati biss f'kaz ta' saldu;

8. Illi l-pozizzjoni bejn il-kontendenti ghadha ma nbidilx u konsegwentement giet intavolata din il-procedura;

Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi lill-intimati solidament, jew min minnhom, ikun responsabbli ghal pagament dovut lis-socjeta` rikorrenti fis-somma gia` fuq indikata, u dan, bl-imghaxijiet legali ai terminu tal-artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc;

2. Tordna lill-intimati solidament, jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta`

rikorrenti l-ammont fuq gia` ndikat, oltre l-imghaxijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti sa mid-data tat-8 t'Awwissu, 2008;

3. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 t'Awwissu, 2008;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-21 ta' Novembru, 2008, kif ikkonfermata wkoll bil-gurament mill-intimat Degaetano, li permezz taghha sintetikament wiegbu s-segwenti:

1. Illi preliminarjament is-socjeta` ntimata, (li effettivament attwalment jisimha Link School of Languages Limited), m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti u allura ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez;

2. Illi fil-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti m'humiex fondati fil-fatt u fid-dritt u dan, ghar-ragunijiet hemm indikati;

3. Illi l-ammont effettivament dovut lis-socjeta` rikorrenti hu dak ta' hmistax –il elf u sebghin Ewro u disghin centezmu, (€15,070.90), liema ammont gie depozitat fir-registru ta' din il-qorti;

4. Illi in vista tas-suespost, it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-imghaxijiet allegatament dovuti hi wkoll infondata u ghandha tigi respinta;

5. Illi konsegwenza tar-rifjut tas-socjeta` rikorrenti li taccetta l-pagament hekk offrut u depozitat, l-ispejjez konnessi mad-depozitu fuq indikat ghandu jitnaqqas meta jigi kwantifikat l-ammont dovut;

6. Illi in oltre, in vista tal-premess, l-intimati m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-4 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu ddekretat li

preliminarjament din il-procedura kienet ghall-provi u trattazzjoni dwar ‘l-ewwel eccezzjoni’, (ara fol 19), tal-intimati, senjatament jekk is-socjeta` ntimata *Link School of English Limited* kinitx f’relazzjoni guridika o meno mas-socjeta` rikorrenti;

Rat id-digriet diversament preseduta datat it-18 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu gie appuntat Assistant Gudizzjarju biex jisma’ l-provi tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata;

Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat l-10 ta’ Mejju, 2011, fejn ghar-raguni hemm indikata rrevokat l-inkarigu precedentement moghti lill-istess Assistant Gudizzjarju;

Rat id-digriet taghha datat it-30 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu ghar-raguni hemm esposta ddikjarat li l-provi rigward l-ewwel eccezzjoni kienu gew ezawriti;

Rat ukoll id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti fejn, wara talba appozita tar-rapprezentant legali tal-intimati kkoncediet li t-trattazzjoni fuq din l-ewwel eccezzjoni preliminari ssir bil-miktub u konsegwentement ikkoncediet il-perjodi hemm specifikati biex l-istess rapprezentanti legali jaghmlu dan, (ara fol 119);

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Dicembru, 2011, fejn regghet ikkoncediet lill-partijiet il-possibilita` li jissottomettu noti skritti fir-rigward bil-modalita` hemm fi-koncessa, (ara fol 120);

Innotat li nonostante z-zewg opportunitajiet hemm koncessi l-partijiet baqghu inadempjenti stante li ghazlu li ma jintavolaw l-ebda nota ta’ sottomissjonijiet;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat:

Illi issa qieghda f’pozizzjoni tiddeciedi fir-rigward;

Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata *Link School of English Limited* m’ghandha l-ebda relazzjoni gurifika mas-socjeta` rikorrenti;
2. Illi konsegwentement l-istess socjeta` ntimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-kuntratt li fuqu tippernja l-procedura odjerna hu dak datat id-29 t’April, 2008, li fih dehru rispettivament certu Philippe Longat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti u l-intimat Roger Degaetano li deher ghal xi entita` fizika jew guridika li mhix identifikata bl-ebda mod u li topera l-iskola identifikata bl-isem *Link School of English;*

Illi l-istess kuntratt, ghalkemm jidher indikat li fuqu qed jidher l-intimat Roger Degaetano bhala kontaent hu effettivament iffirmat u anki inizjalat, u dan, addirittura “ex admissis” mill-istess firmatarja, (ara fol 28), “ … min u in rapprezentanza ghal xi hadd li fil-kopja ipprezentata in atti mill-istess intimat baqa` mhux indikat hlief ghall-indikazzjoni li min hu jopera l-iskola tal-ingliz bl-isem ta’ “*Link School of English*”, (ara fol 21);

Illi mhux biss jirrizulta li ma tezisti l-ebda socjeta` bl-isem ta’ “*Link School of English*” kif indikata fl-okkju tal-kawza odjerna izda dan gie kwoll esplicitament sottolineat mill-istess ko-imputat Degaetano meta fid-depozizzjoni tieghu a fol 52 indika:

“ … Link School of English Limited, ma tezistix …”,

Illi in effetti l-partijiet lanqas jirrizulta li ppruvaw isahhu l-pozizzjoni taghhom billi jressqu rapprezentant tar-Registru

tas-socjetajiet jew ahjar tal-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta li seta` jiddetermina din il-kwistjoni facilment u minghajr ma jhalli l-ebda dubju fir-rigward:

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jigi sottolineat li l-kawzi ta’ indole civil, kuntrarju ghal dawk ta’ indole kriminali, jigu determinati mhux biss a bazi li ma jkun hemm dubju ragonevoli, izda fuq bilanc ta’ probabbilita`;

Illi ghalkemm hu manifest li l-partijiet naqsu li jipprezentaw l-ahjar prova fir-rigward tal-ezistenza o menu ta’ secjeta` kummercjali ta’ kwalunkwe tip, bl-isem indikat fl-okkju tal-kawza pero` jirrizulta s-segwenti:

1. Illi mix-xhieda guramentata pprezentata jirrizulta li s-socjeta` ntimata effettivament la hi socjeta` u allura lanqas biss tezisti, u hi effettivament minghajr l-ebda personalita` guridika legislattivament rikonoxxuta;

2. Illi ma ngiebet l-ebda prova kuntrarja ghall-affermazzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti;

3. Illi l-‘memorandum’ prodott jirreferi ghal socjeta` differenti u in effetti n-numru ta’ registrazzjoni ghalkemm simili, mhux dak indikat mis-socjeta` rikorrenti fl-okkju minnha stess determinat;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess allura jirrizulta s-segwenti:

1. Illi ai termini tal-kuntratt bejn il-kontendenti jirrizulta li hu wiehed skabruz stante li:

a. Il-partijiet m’humiex indikati bil-kjarezza legali dovuta;

b. Il-firmatarja tidher li hi estranea ghall-istess ghaliex ma hijiex indikata bhala parti kontrattwali;

c. Illi l-parti ndikata bhala parti kontrattwali effettivament lanqas biss iffirmat il-kuntratt de quo u ghalhekk, ma tirrizultax lanqas biss vinkolata bl-obbligi hemm indikata;

2. Illi effettivament, dan hu kuntratt li ghandu jservi t'ezempju ta' kif m'ghandux jigi konkluz vinkolu kontrattwali;

Illi in vista tal-premess u tenut kont tas-suespost, din hi biss sentenza preliminari limitata esklussivament fit-termini tal-ewwel risposta elenkata mill-intimati, senjatament li:

" … is-socjeta` *Link School of English Limited* … ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju …";

Illi jirrizulta assodat li l-intimati ippruvaw l-allegazzjoni taghhom u di piu`, l-istess socjeta` rikorrenti ma gabet l-ebda prova valida fil-ligi li tavalla l-allegazzjoni taghha li l-ftehim in dizamina kien wiehed pattwit mas-socjeta` ntimata de quo;

Illi ghaldaqstant takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata *Link School of English Limited* indikata mis-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-istess socjeta` rikorrenti;

2. Tillibera ghalhekk lill-istess socjeta` ntimata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti Suncrest Hotels p.l.c.;

4. Tordna l-kontinwazzjoni tal-procedura.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------